



Kunsill  
tal-Unjoni Ewropea

Brussell, 23 ta' Mejju 2023  
(OR. en)

9616/23

RECH 190  
EDUC 169  
PI 77  
DIGIT 96

#### EŻITU TAL-PROĊEDIMENTI

|                          |                                                                                                                                                          |
|--------------------------|----------------------------------------------------------------------------------------------------------------------------------------------------------|
| minn:                    | Segretarjat Ġenerali tal-Kunsill                                                                                                                         |
| fi:                      | 23 ta' Mejju 2023                                                                                                                                        |
| lil:                     | Delegazzjonijiet                                                                                                                                         |
| Nru. dok. preċ.: 8827/23 |                                                                                                                                                          |
| Suġġett:                 | Pubblikazzjoni akkademika ta' kwalità għolja, trasparenti, miftuħa, affidabbli u ekwa<br>- Konklużjonijiet tal-Kunsill (approvati fit-23 ta' Mejju 2023) |

Id-delegazzjonijiet isibu fl-anness il-konklużjonijiet tal-Kunsill dwar pubblikazzjoni akkademika ta' kwalità għolja, trasparenti, miftuħa, affidabbli u ekwa, approvati mill-Kunsill fit-3949 laqgħa tiegħu li saret fit-23 ta' Mejju 2023.

**KONKLUŻJONIJET TAL-KUNSILL DWAR PUBBLIKAZZJONI AKKADEMIKA TA'  
KWALITÀ GĦOLJA, TRASPARENTI, MIFTUĦA, AFFIDABBLI U EKWA**

IL-KUNSILL TAL-UNJONI EWROPEA,

FILWAQT LI JFAKKAR

- il-Konklużjonijiet tiegħu tal-1 ta' Diċembru 2015 dwar l-integrità tar-riċerka<sup>1</sup>, li rrikonoxxew l-importanza tax-xjenza miftuħa bħala mekkaniżmu biex tissaħħaħ l-integrità tar-riċerka, u *vice versa*;
- il-Konklużjonijiet tiegħu tas-27 ta' Mejju 2016 dwar it-tranżizzjoni lejn sistema ta' xjenza miftuħa<sup>2</sup>, li rrikonoxxew li x-xjenza miftuħa għandha l-potenzjal li żżid il-kwalità u l-impatt tax-xjenza għall-benefiċċju tas-soċjetà;
- ir-Rakkomandazzjoni tiegħu tal-5 ta' April 2022 dwar il-bini ta' konnessjonijiet għal kooperazzjoni effettiva Ewropea fl-edukazzjoni għolja<sup>3</sup>, li ssottolinjat l-importanza ta' appoġġ għall-pilotaġġ u l-ittestjar ta' soluzzjonijiet b'sors miftuħ biex jingħelbu sfidi komuni, u b'hekk jikkontribwixxu għall-interoperabbiltà, il-prontezza diġitali, is-sovranià tad-data u r-responsabbiltà tas-sistemi tal-edukazzjoni għolja;

---

<sup>1</sup> 14853/15

<sup>2</sup> 9526/16

<sup>3</sup> ĠU C 160, 13.4.2022, p. 1–8

- il-Konklużjonijiet tiegħu tal-10 ta' Ġunju 2022 dwar il-prinċipji u l-valuri għall-kooperazzjoni internazzjonali fir-riċerka u l-innovazzjoni<sup>4</sup>, li ħeġġew ix-xjenza miftuħa sabiex tfittex konsolidazzjoni reċiproka u tixrid tar-riżultati tar-riċerka permezz ta' oqfsa u strateġiji li jiffukaw fuq l-aċċess miftuħ u immedjat għall-pubblikazzjonijiet xjentifiċi, u appoġġaw id-drittijiet tar-riċerkaturi li jippubblikaw, jikkondividu, ixerrdu u jikkomunikaw b'mod miftuħ ir-riżultati u d-data tar-riċerka tagħhom, inkluż permezz ta' taħriġ u taġlim, kif ukoll li jassoċjaw ruħhom f'organizzazzjonijiet professjonali jew akkademiċi rappreżentattivi mingħajr ma jkunu żvantaġġati mis-sistema li jaħdmu fiha jew bi kwalunkwe ċensura jew diskriminazzjoni;
- il-Konklużjonijiet tiegħu tal-10 ta' Ġunju 2022 dwar l-evalwazzjoni tar-riċerka u l-implimentazzjoni tax-xjenza miftuħa<sup>5</sup>, li ssottolinjaw il-ħtieġa għal aċċess mingħajr xkiel għar-riżultati tar-riċerka, il-pubblikazzjonijiet u d-data ffinanzjati minn fondi pubbliċi u l-użu mill-ġdid tagħhom għal skopijiet ta' riċerka, u enfasizzaw il-benefiċċji tax-xjenza miftuħa u tal-aċċess miftuħ immedjat għall-pubblikazzjonijiet ta' riċerka, kif ukoll tal-multilingwiżmu għall-komunikazzjoni usa' tar-riżultati tar-riċerka,

### **Lejn sistema ta' publikazzjoni akkademika miftuħa, ekwa u sostenibbli**

1. IFAKKAR li l-pubblikazzjoni akkademika permezz tal-ġurnali hija attwalment il-mezz akkademiku primarju ta' tixrid tar-riżultati tar-riċerka u tal-għarfien xjentifiku ġdid; ITENNI l-importanza li titħaffef it-tranżizzjoni lejn xjenza miftuħa biex jittejbu l-kwalità, l-effiċjenza u l-impatt tar-riċerka billi jiġu promossi t-trasparenza, l-aċċessibbiltà, id-diversità, ir-riutilizzabbiltà, ir-riproduċibbiltà u l-affidabbiltà tar-riżultati tar-riċerka, li l-aċċess miftuħ għall-pubblikazzjonijiet akkademiċi, inkluż l-użu tagħhom mill-ġdid, huwa wieħed mill-elementi ewlenin ta' sistema ta' xjenza miftuħa, u li hija meħtieġa azzjoni biex jiġi żgurat li l-pubblikazzjoni akkademika tappoġġa dawn l-għanijiet;

---

<sup>4</sup> 10125/22

<sup>5</sup> 10126/22

2. JINNOTA li t-tranżizzjoni diġitali, għalkemm fiha l-isfidi tagħha, tkompli toħloq opportunitajiet għal metodi ġodda ta' pubblikazzjoni akkademika effiċjenti u effettiva, bħal għodod ta' pubblikazzjoni, repożitorji u pjattaformi online għal firxa wiesgħa ta' outputs tar-riċerka fl-oqsma kollha, kemm fil-livell nazzjonali u f'dak Ewropew, iżda li ħafna mis-sistema attwali hija bbażata fuq mudelli kummerċjali u operazzjonali li għadhom ma ħaddnux bis-sħiħ il-potenzjal tad-diġitalizzazzjoni, b'mod partikolari b'rabta mal-firxa dejjem tikber ta' eżiti tar-riċerka dejjem aktar importanti bħas-settijiet ta' data u l-protokoll tas-software u tar-riċerka; u JISSOTTOLINJA l-importanza ta' investiment fl-infrastruttura elettronika kif ukoll f'għodod u kapaċitajiet diġitali u innovattivi;
3. JENFASIZZA li l-pubblikazzjoni akkademika għandha tappoġġa l-prinċipji essenzjali tal-libertà akkademika, l-integrità tar-riċerka u l-eċċellenza xjentifika, kif ukoll l-aċċessibbiltà u r-riutilizzabbiltà massimi tar-riżultati tar-riċerka, filwaqt li tappoġġa wkoll lill-komunitajiet tar-riċerka u l-kollaborazzjoni transdixxiplinari tagħhom, u JISSOTTOLINJA li l-prattiki xjentifiċi biex jiġu żgurati r-riproduċibbiltà, it-trasparenza, il-kondiviżjoni, ir-rigorożità u l-kollaborazzjoni huma mezzi importanti ta' kif tinkiseb sistema ta' pubblikazzjoni li tirreaġixxi għall-isfidi ta' soċjetajiet demokratiċi, moderni u diġitalizzati; JENFASIZZA li l-aċċess miftuħ immedjat u mingħajr restrizzjonijiet għandu jkun in-norma fil-pubblikazzjoni ta' riċerka li tinvolvi fondi pubbliċi, bi pprezzar trasparenti li jkun proporzjonat mas-servizzi ta' pubblikazzjoni u meta l-ispejjeż ma jkunx koperti minn awturi jew qarreja individwali;

#### **Appoġġ għad-diversità u żgurar tal-ekwità fil-pubblikazzjoni akkademika**

4. JIRRIKONOXXI li l-prattiki ta' pubblikazzjoni jvarjaw fost id-dixxiplini, u JENFASIZZA li għandhom ikomplu jiġu appoġġati xi formati ta' pubblikazzjoni, bħal monografi, kotba u formati b'test twil, speċjalment fix-xjenzi soċjali u umanistiċi, filwaqt li tiġi promossa l-pubblikazzjoni b'aċċess miftuħ u jsiru possibbli l-koeżistenza ta' firxa diversifikata ta' formati u pubblikazzjoni f'diversi lingwi;

5. JINNOTA li s-sistema attwali ta' pubblikazzjoni akkademika titmexxa minn diversi organizzazzjonijiet bi skop ta' qligħ u mingħajr skop ta' qligħ, u JIRRIKONOXXI bi tħassib li l-ispejjeż dejjem jiżdiedu biex wieħed iħallas għall-aċċess għal pubblikazzjonijiet xjentifiċi u għall-pubblikazzjoni akkademika qed jikkawżaw inugwaljanzi u qed isiru insostenibbli għall-finanzjaturi tar-riċerka pubblika u l-istituzzjonijiet responsabbli għall-infiq tal-fondi pubbliċi, li qed inaqqas il-finanzjament disponibbli għar-riċerka;
6. JENFASIZZA l-importanza ta' mudelli ta' pubblikazzjoni akkademika b'aċċess miftuħ u mingħajr skop ta' qligħ li ma jitolbux ħlas mingħand l-awturi u l-qarrejja, u fejn l-awturi jkunu jistgħu jippubblikaw xogħolhom mingħajr kriterji ta' eliġibbiltà għall-finanzjament/istituzzjonali; JINNOTA l-varjetà ta' mudelli li ma jiddependux minn tariffi għall-ipproċessar tal-artikli jew tariffi simili għal kull unità u JENFASIZZA l-importanza li jiġi appoġġat l-iżvilupp ta' dawn il-mudelli mmexxi minn organizzazzjonijiet tar-riċerka pubblika;
7. JENFASIZZA li huwa essenzjali li jiġu evitati sitwazzjonijiet fejn ir-riċerkaturi jkunu limitati fl-għażla tagħhom ta' mezzi ta' pubblikazzjoni minħabba l-kapaċitajiet finanzjarji, aktar milli l-kriterji ta' kwalità, u fejn l-aċċess għall-pubblikazzjonijiet ta' riċerka jkun ristrett minħabba l-ħlas mitlub; JILQA' B'SODISFAZZJON il-koordinazzjoni fl-UE u mas-sħab globali biex tiġi appoġġata l-ekwità fil-pubblikazzjoni akkademika, filwaqt li jittieħed kont tar-Rakkomandazzjoni tal-UNESCO dwar ix-Xjenza Miftuħa<sup>6</sup>;

**Tisħiħ tal-fiduċja u żgurar ta' kwalità għolja, trasparenza u integrità fil-pubblikazzjoni akkademika**

8. JISSOTTOLINJA li l-libertà akkademika tinkludi d-dritt tal-libertà meta jiġu ddefiniti l-mistoqsijiet ta' riċerka, jintgħażlu u jiġu żviluppati t-teoriji, meta jinġabar il-materjal empiriku, jiġu applikati l-metodi ta' riċerka akkademiċi, meta jitqajmu dubji dwar l-għarfien konvenzjonali u jitressqu ideat ġodda, u din il-libertà tinkludi d-dritt li jiġu kondiviżi, mxerrda u ppubblikati r-riżultati miksuba, inkluż permezz ta' taħriġ u taġlim, u JENFASIZZA li kwalunkwe restrizzjoni ta' dawn il-prattiki hija theddida għal-libertà akkademika u għall-integrità tar-riċerka;

---

<sup>6</sup> [Rakkomandazzjoni tal-UNESCO dwar ix-Xjenza Miftuħa - Librerija Diġitali tal-UNESCO \(UNESCO Recommendation on Open Science - UNESCO Digital Library\)](#)

9. JENFASIZZA li evalwazzjoni rigoruża bejn il-pari għandha tkompli tkun essenzjali għall-pubblikazzjoni akkademika, bir-riċerkaturi jassumu r-responsabbiltà għall-evalwazzjoni bejn il-pari u jagħtu parir espert fuq bords editorjali, fejn jiżguraw l-istandards xjentifiċi, il-validità u l-kwalità tar-riċerka; JENFASIZZA li l-evalwazzjoni bejn il-pari għandha tkompli tibni u żżomm l-integrità tar-riċerka u l-fiduċja fix-xjenza, inkluż bl-irtirar ta' publikazzjonijiet mhux validi; JIRRIKONOXXI li bħalissa s-sistema ta' evalwazzjoni bejn il-pari qed tiffaċċa diversi sfidi, eż. għadd akbar ta' sottomissjonijiet u għejja tal-evalwaturi; JISSOTTOLINJA l-ħtieġa li tiġi promossa t-trasparenza permezz ta' Prattiki miftuħa ta' evalwazzjoni bejn il-pari, u li r-riċerkaturi jiġu rikonoxxuti u ppremjati għall-evalwazzjoni bejn il-pari;
10. JENFASIZZA li r-riproduċibbiltà hija karatteristika ewlenija tal-kwalità tar-riċerka li hija relatata mill-qrib mat-trasparenza u l-integrità tar-riċerka, u li nuqqas ta' riproduribbiltà jista' jkollu impatt negattiv fuq il-progress xjentifiku u fuq il-fiduċja fix-xjenza;

### **Il-passi li jmiss**

#### **Kondizzjonijiet qafas**

11. IĦEĠĠEĠ lill-Istati Membri u lill-Kummissjoni jżidu l-appoġġ għall-iżvilupp ta' politiki u strateġiji istituzzjonali u ta' finanzjament allinjati fir-rigward ta' mudelli ta' publikazzjoni akkademika b'aċċess miftuħ, mingħajr skop ta' qligħ u f'diversi formati fl-Ewropa, mingħajr spejjeż għall-awturi u l-qarrejja, u jhegħiġhom jistabbilixxu u jimplimentaw pjanijiet direzzjonali jew pjanijiet ta' azzjoni biex il-mudelli ta' publikazzjoni jaraw espansjoni sinifikanti;

12. JILQA' B'SODISFAZZJON l-introduzzjoni ta' drittijiet ta' pubblikazzjoni sekondarja fil-leġiżlazzjoni nazzjonali dwar id-drittijiet tal-awtur ta' għadd ta' Stati Membri, li jippermetti aċċess miftuħ għall-pubblikazzjonijiet akkademiċi li jinvolvu fondi pubbliċi; IĦEĠĠEĠ lill-Kummissjoni, fil-kuntest tal-azzjoni 2 taż-ŻER fl-Aġenda Politika taż-ŻER 2022–2024, teżamina u tipproponi miżuri fil-livell tal-UE bl-għan li jitneħħew l-ostakli għall-aċċess u l-użu mill-ġdid tar-riżultati tar-riċerka ffinanzjati minn fondi pubbliċi, kif ukoll pubblikazzjonijiet u data għall-finijiet ta' riċerka, filwaqt li tiġi garantita l-approvazzjoni tal-awtur; JISTIENEN lill-Istati Membri jaġġornaw il-politiki u l-linji gwida nazzjonali tagħhom dwar l-aċċess miftuħ biex il-pubblikazzjonijiet akkademiċi, minnufih, isiru aċċessibbli b'mod miftuħ taħt liċenzji miftuħa, kif ukoll japplikaw il-prinċipji FAIR (traċċabbli, aċċessibbli, interoperabbli u riutilizzabbli) u "kemm jista' jkun miftuħ, magħluq kemm meħtieġ" għad-data tar-riċerka, filwaqt li jieħdu inkunsiderazzjoni r-Rakkomandazzjoni tal-OECD dwar l-Aċċess għad-Data tar-Riċerka minn Fondi Pubbliċi<sup>7</sup>;
13. JENFASIZZA l-ħtieġa għal bidla fil-kultura tar-riċerka li tirrikonoxxi bosta attivitajiet ta' riċerka bl-għan ġenerali li jiġu mmassimizzati l-kwalità għolja u l-impatt tar-riċerka; JILQA' B'SODISFAZZJON, f'dan ir-rigward, l-attivitajiet tal-Koalizzjoni għall-Avvanz tal-Evalwazzjoni tar-Riċerka (CoARA); u JĦEĠĠEĠ djalogu mill-qrib bejn il-partijiet ikkonċernati, l-Istati Membri, il-Kummissjoni u l-Pajjiżi Assoċjati biex tiġi riformata l-evalwazzjoni tar-riċerka, f'koordinazzjoni mas-sħab globali;
14. JINNOTA li n-nuqqas ta' data u ta' informazzjoni affidabbli dwar l-istat tal-pubblikazzjoni akkademika, inkluż l-ispejjeż u d-data bibliometrika, itellef il-progress fl-iżvilupp, l-implimentazzjoni u l-evalwazzjoni ta' politika dwar l-aċċess miftuħ u jdghajef il-pożizzjoni tal-Istati Membri u tal-organizzazzjonijiet tar-riċerka fin-negozjati mal-pubblikaturi kummerċjali; JIRRIKONOXXI l-iżviluppi li għaddejjin biex jiġi mmonitorjat il-progress lejn ix-xjenza miftuħa fi ħdan il-qafas tal-Cloud Ewropew tax-Xjenza Miftuħa (EOSC), abbażi ta' monitoraġġ nazzjonali u ta' indikaturi kwalitattivi u kwantitattivi komuni; IĦEĠĠEĠ lill-Istati Membri u lill-Kummissjoni jaċċelleraw dawn l-iżviluppi u jnaqqsu l-frammentazzjoni tal-inizjattivi ta' monitoraġġ billi jinkludu l-monitoraġġ tax-xjenza miftuħa fil-mekkaniżmu ta' monitoraġġ taż-ŻER, u jhegħiġhom jagħmlu ħilithom biex jiżguraw li d-data ta' monitoraġġ tirrispetta l-prinċipji FAIR;

<sup>7</sup> [Rakkomandazzjoni tal-Kunsill tal-OECD dwar l-Aċċess għad-Data tar-Riċerka minn Fondi Pubbliċi - OECD](#) (Recommendation of the OECD Council concerning Access to Research Data from Public Funding - OECD)

## Kapaċitajiet: infrastrutturi u hili

15. IKOMPLI jħeġġeġ lill-Istati Membri jappoġġaw il-pilotaġġ ta' Open Research Europe (ORE) lejn servizz ta' pubblikazzjoni tar-riċerka fuq skala kbira u b'aċċess miftuħ li jkun kollettiv, mingħajr skop ta' qligħ u għall-għid pubbliku, kif ukoll jippromwovu u jappoġġaw pjattaformi u mudelli nazzjonali oħra ta' pubblikazzjoni b'aċċess miftuħ li jkunu speċifiċi għas-suġġetti u mingħajr skop ta' qligħ li jipprovdu servizzi ta' pubblikazzjoni ta' kwalità għolja lir-riċerkaturi u, kull meta jkun possibbli u xieraq, li jkunu konnessi fil-livell Ewropew għal kapaċità, effiċjenza, utilizzabbiltà u kosteffettività akbar;
16. IĦEĠĠEĠ lill-Istati Membri u lill-Kummissjoni jrawmu u jinvestu f'infrastrutturi interoperabbli għall-pubblikazzjoni mingħajr skop ta' qligħ abbażi ta' software b'sors miftuħ u standards miftuħa, sabiex jiġi evitat l-intrappolament tas-servizzi kif ukoll tas-sistemi proprjetarji u biex dawn l-infrastrutturi jiġu konnessi mal-EOSC;
17. IĦEĠĠEĠ lill-Istati Membri u lill-Kummissjoni jiżviluppaw eżerċizzji ta' taġlim reċiproduktuwar l-evalwazzjoni bejn il-pari, li jkopru l-prinċipji u l-prattiki, kif tista' tiġi promossa t-trasparenza u kif jistgħu jintgħarfu u jiġu ppremjati l-attivitajiet ta' evalwazzjoni bejn il-pari fil-valutazzjoni tar-riċerkaturi;
18. IĦEĠĠEĠ lill-Istati Membri u lill-Kummissjoni jieħdu azzjoni biex jippromwovu t-tisħiħ tal-kapaċitajiet istituzzjonali u jżidu l-għarfien tar-riċerkaturi dwar id-drittijiet ta' proprjetà intellettuali u l-valur tagħhom, inkluż il-konsegwenzi tat-trasferiment tad-drittijiet tal-awtur mill-awturi għall-pubblikaturi u l-importanza tal-ġestjoni strateġika tal-proprjetà intellettuali mir-riċerkaturi meta jiffaċilitaw l-aċċess miftuħ immedjat u mingħajr restrizzjonijiet għall-pubblikazzjonijiet xjentifiċi;
19. JISTIEDEN lill-Istati Membri u l-Kummissjoni jallinjaw il-politiki u r-rakkomandazzjonijiet tagħhom dwar l-aċċess miftuħ u x-xjenza miftuħa mal-Patt għar-Riċerka u l-Innovazzjoni fl-Ewropa<sup>8</sup> u mal-Kodiċi ta' Kondotta Ewropea għall-Integrità tar-Riċerka tal-Federazzjoni Ewropea tal-Akkademji tax-Xjenzi u x-Xjenzi Umanistiċi<sup>9</sup>, u JISĦAQ li meta jsir dan huwa essenzjali li jiġu żviluppati taħriġ u materjali li jappoġġaw lir-riċerkaturi fl-isforzi tagħhom li japplikaw prinċipji tax-xjenza miftuħa, filwaqt li tiġi żgurata l-konformità ma' standards għoljin ta' integrità tar-riċerka;

<sup>8</sup> ĠU L 431, 2.12.2021, p. 1–9

<sup>9</sup> [ALLEA-European-Code-of-Conduct-for-Research-Integrity-2017.pdf](#)

20. JISTIEDEN lill-Istati Membri, f'kollaborazzjoni mal-Kummissjoni, jindirizzaw b'mod sistemiku l-problema tal-pubblikazzjoni predatorja kif ukoll jippromwovu u jappoġġaw taħriġ dwar prattiki ta' publikazzjoni responsabbli, miftuħa u etiċi għall-istudenti u r-riċerkaturi fl-istadji kollha tal-karriera tagħhom, u b'hekk jingħatawllhom il-ħiliet u l-kompetenzi li jeħtieġu, u jistedinhom ukoll jiżguraw taħriġ u sensibilizzazzjoni dwar prattiki ta' publikazzjoni predatorji, dubjużi, qarrieqa u ta' kwalità baxxa u dwar l-impatt negattiv tagħhom fuq l-affidabbiltà tar-riċerka.
-